# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 2145

KAZ 2472

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Mildred Marmara

u

Dragonara Casino Limited

Data : 23 ta' April 2012

**Chairman : George Borg Cardona**

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota prezentata fir-Registru tal-Qorti fit-23 ta' Marzu 2007.

It-Tribunal zamm 20 seduta.

Mildred Marmara, aktar il-quddiem tissejjah l-"appellant", kienet assistita mill-Avukati Joseph u Alessia Zammit McKeon u s-Sur Anthony Degiovanni u Dragonara Casino Limited, aktar il-quddiem tissejjah il-"Kumpanija", kienet rapprezentata minn Ms Fleur Farrugia assistita mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

Fl-Istqarrija tal-Kaz l-appellant allegat li :

- tkecciet ghaliex kienet irrifjutat avvanzi sesswali tal-General Manager ;
- l-motiv ta' l-akkuzi dwar nuqqasijiet ma kienx wiehed ta' korrezzjoni izda ta' vendikazzjoni minhabba fastidju sesswali fuq perijodu twil ;
- uhud mill-akkuzi ma kienu xejn differenti minn nuqqasijiet li jaghmel kull impjegat u ma kienux tali li jwasslu ghal passi dixxiplinarji u wisq anqas ghal tkeccija ;
- waqt li fil-kaz ta' haddiehor ma sar xejn, fil-kaz taghha nhargu akkuzi deskritti bhala serji ;
- il-Bordijiet ta' Dixxiplina ma kienux kostitwiti skond il-prattika li dejjem intuzat fl-imghoddi.

Il-Kumpanija qalet li l-appellant tkecciet wara li nstabet hatja minn zewg Bordijiet ta' Dixxiplina ta' agir li jikkostitwixxi ksur ta' l-obbligi konnessi ma l-impieg taghha. Dawn il-Bordijiet kienu komposti minn persuni esteri maghzula ghall-integrita' taghhom u ndipendenti mill-management. L-appellant inghatat kull opportinita li tiddefendi ruhha inkluz ta' rapprezentanza minn persuni li ghazlet hi.
Mill-bidu tas-smiegh tal-kaz l-appellant sostniet li l-akkuzi kollha kontra taghha kienu rizultat tar-rifjut taghha ghal avvanzi sesswali tal-General Manager li minhabba f'hekk ghamel minn kollox biex titkecca. It-Tribunal iddikjara li ma kienx kompitu tieghu li jirrevedi l-kaz ta' fastidju sesswali li kien gie trattat mill-Awtorita kompetenti u li kif kompost mghandux il-kompetenza jidhol f'kazijiet ta'din in-natura. Ghamel enfasi li l-kompitu tieghu kien li jiddeciedi jekk kienx hemm raguni tajba u sufficienti ghat-tkeccija billi jistabbilixxi jekk kienx hemm gustifikazzjoni ghall-hrug ta' l-akkuzi u jekk gewx trattati b'mod eqwu wara li jqis ic-cirkostanzi kollha.

L-allegazzjoni ta' fastidju sesswali kienet tressqet quddiem il-Kummissjoni Nazzjonali ghall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza u din sabet li ma kienx hemm evidenza konkluziva biex jittiehdu passi kontra l-General Manager dwar l-allegazzjoni li ghamlet l-appellant u ghalhekk ma laqatx il-kaz.

L-appellant qalet li l-fastidju kien ilu ghaddej ghal aktar minn tlett snin, mill-bidu tas-sena 2000 sa dik ta' l-2002 u kien hemm incident iehor fil-bidu tal-2004. Qalet ukoll li kienet infurmat ufficjali ta' zewg Unions u talbet l-ghinuna taghhom u li membri tal-management kienu jafu bih u kienet talbet l-intervent taghhom. Skond l-appellant wahda mill-Unions ma haditx passi u jirrizulta li l-ohra negozjat arrangament mal-management izda dan gie rtirat meta l-appellant insistiet li ghandu jsir arrangament ukoll dwar impjegati ohra. Ma jirrezultax li ttiehdu xi passi konkreti minn membri tal-management li l-appellant tghid li kienu jafu x'qed isir jew talbet l-ghinuna taghhom. It-Tribunal isibha stramba li ma sar xejn minn hadd dwar allegazzjoni ta' fastidju li kien ilu ghaddej ghal snin twal u li l-appellant kitbet biss lill-Kummissjoni Nazzjonali ghall-Promozzjoni ta' l-Ugwaljanza kwazi sentejn wara, fit-23 ta' Settembru 2005, meta hi kienet qed tiffaccja charges fuq allegati nuqqasijiet taghha. Jidhirlu li passi dwar tali allegazzjoni messhom ittiehdu fil-waqt u mhux daqstant zmien wara.

It-Tribunal innota li l-appellant kienet kontinwament tinsisti biex tintbaghat tahdem "fuq il-floor" fejn taqla hafna aktar tips u kellha kwistjoni mal-management ghax ma tahiex dak li xtaqet.

L-akkuzi kontra l-appellant kienu nstemghu minn zewg Bordijiet preseduti minn Avukati li ma kellhomx konnessjoni mal-Kumpanija. L-ewwel Bord semgha charges li hargu fi Frar 2005 kif gej :

- took breaks in excess ;
- ignoring the roster and working as valet although she should have been bar shift ;
- seen and heard by a member of management shout at a client ;
- taking tips from the bar which should have been for all staff ;
- aggressive behaviour and verbally harassing other staff.

Dwar l-ewwel u t-tielet charge l-Bord sab l-appellant mhux hatja minhabba li l-management ma gabx evidenza sufficienti. Dwar ir-raba sab li ma kelliex htija. Fuq it-tieni u l-hames charge sab li kien hemm evidenza konklussiva biex isibha hatja. It-Tribunal jinnota li l-Bord ma accettax tlett dokumenti li pprezenta l-management ghax tressqu wara d-data finali miftehma ghas sottomissjoni.

Wara li semgha x-xhieda it-Tribunal hu sodisfatt li l-Bord mexa b'mod korrett u kien gust ma l-appellant. Jinnota li c-charges hargu fi Frar 2005, l-ewwel seduta saret f'Ottubru 2005 u d-decizjoni nghatat f'Lujlju 2006. Dan ma jindikax li kien hemm xi ghaggla biex titkecca l-appellant ghalkemm kienet sospiza b'paga shiha.
It-tieni Bord semgha charges li nhargu f'Jannar 2006 kif gej :

- written complaint received from clients ;
- malicious reporting about a colleague ;
- socialising with Casino patrons ;
- sexual harassment of fellow employees.

Fuq l-ewwel charge l-Bord ma sabiex hatja ghaliex l-ittra ma kienetx guramentata u l-Kumpanija ma deherilhiex li ghandha ttella l-klijenti jixhdu. Fuq it-tieni sab li r-rapport ma kienx veritier u kien malizzjus.Dwar it-tielet sabha mhux hatja ghaliex il-Kumpanija ma gabetx provi sufficienti. Fuq ir-raba sabha hatja fuq l-evidenza li gabet l-Kumpanija. Hawnhekk ukoll fuq charges li nhargu f'Jannar 2006 l-ewwel seduta saret f'Lulju 2006 u d-decizjoni nghatat f'Novembru 2006 meta l-appellant kienet ilha kwazi sena sospiza b'paga shiha. Dan l-anqas ma jindika xi ghaggla biex titkecca. F'dan il-kaz ukoll wara li semgha x-xhieda t-Tribunal jidhirlu li l-Bord mexa b'mod gust u korrett ma l-appellant.

It-Tribunal sab li c-charges li nhargu mill-Kumpanija kontra l-appellant irrezultaw minn rapport li ghamlet hi stess, minn rapporti li ghamlu klijenti tal-Kumpanija, minn rapporti li ghamlu mpegati ohra u minn rapporti li ghamlu membri tal-management fil-qadi ta' dmirijiethom. Ma ngabitx evidenza sodisfacenti biex tikkonvinci t-Tribunal li tali rapporti gew instigati mill-General Manager. Anzi fl-uniku kaz fejn kien involut direttament, meta l-appellant injorat ordni tieghu fil-prezenza ta' klijenti, kull ma ghamel kien li sejhilha fl-ufficju tieghu fil-prezenza ta' membru iehor tal-management u kellimha. Ghalkemm dan l-agir gie meqjus bhala insubordinazzjoni ma nhareg ebda charge izda biss ittra ta' twissija.

L-appellant tkecciet wara li nstabet hatja mit-tieni Bord ta' *malicious reporting about a colleague* u ta' *sexual harassment of fellow employees* li l-Kumpanija qieset ta' gravita tali li jimmeritaw tkeccija. Dwar l-akkuza ta' l-ahhar l-appellant gabet xhieda li qatt ma semghuha taghmel dan izda b'ebda mod ma waqqghu x-xhieda ta' l-impjegati li ghamlu r-rapporti. Il-Bord kien sab li "*After detailed consideration of the evidence presented by the parties the Board is of the opinion that the Company's evidence regarding this charge*

*was substantial"* u sabha hatja. L-appellant kellha l-opportunita li tharrek l-impjegati li ghamlu r-rapporti biex jixhdu quddiem it-Tribunal izda ma ghamletx hekk. Ghalhekk it-Tribunal m'ghandux ghaliex iwarrab dak li sab il-Bord.

It-Tribunal josserva li l-ewwel Bord ta' Dixxiplina ma accettax sottomissjonijiet tal-Kumpanija li saru wara z-zmien stabbilit u z-zewg Bordijiet ma sabuhiex hatja ta' akkuzi fejn deherilhom li l-evidenza ma kienetx sufficienti jew kien hemm xi element ta'dubju. Sabuha hatja biss ta' dawk l-akkuzi fejn l-evidenza kienet sostanzali u konkluziva. Barra minn hekk ma jirrezultax li kienu b'xi mod influwenzati mill-General Manager jew xi membru iehor tal-management.

Wara li kkonsidra c-cirkostanzi kollha tal-kaz it-Tribunal isib li l-Kumpanija agixxiet fuq rapport ta' Bord ta' Dixxiplina li sab l-appellant hatja ta' akkuzi li l-Kumpanija qieset gravi biz-zejjed li jimmeritaw tkeccija.

Ghalhekk it-Tribunal ma jilqghax it-talba taghha..

Minhabba xhieda volominuza li rrekjediet 20 seduta, numru ta differimenti u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fiz-zmien stabbilit mill-ligi.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 ta' l-1986 jistabbilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' € 94 (erbgha u disghajn ewro).

B'hekk itemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

Iffirmat : George Borg Cardona
Chairman

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**Segretarja**